# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 315.02

## REGOLAMENTI DWAR PROJBIZZJONI TA' TABAKK LI MA JITPEJJIPX

11 ta' Novembru, 1988

*L-AVVIŻ LEGALI 88 ta' l-1988.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Projbizzjoni ta' Tabakk li ma Jitpejjipx.

Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

Tifsir.

"tabakk li ma jitpejjipx" tfisser tabakk immexxi jew maħsub biex jinżamm fil-ħalq biex wieħed jerdgħu jew isoffu, jinxtamm, jintgħomod jew għal xi għamla oħra ta' konsum bil-ħalq, u tinkludi niskata niedja sew jekk ikollha jew ma jkollhiex xi essenza miżjuda magħha, niskata magħmula minn tabakk niexef u tabakk tat-tagħmid, u tinkludi wkoll kull preparattiv li jkun fih dawn il-prodotti.

**3.** Ebda persuna ma tista' timporta, timmanifattura, tipprepara, taħżen, iżżomm għall-bejgħ, tbiegħ jew tissupplixxi b'kumpens jew xort'oħra, xi tabakk li ma jitpejjipx.

Importazzjoni, eċċ., ta' tabakk li ma jitpejjipx, projbita.